MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 231/2007

**Maltacom plc. u b'digriet tal-1 ta' Frar, 2008**
**isem is-socjeta' attrici gie mibdul ghal Go plc.**

**vs**

**Polidano Brothers Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha is-somma ta' sebghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm70.23), illum ekwivalenti ghal mija u tlieta u sittin Euro u disgha u hamsin centezmu (€163.59), in konnessjoni ma' hsarat kkagunati lill-infrastruttura tas-socjeta' attrici fi Triq ix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan, f'Marzu, 2005 u dan skond fattura bir-riferenza 19776 datata 30 ta' Gunju, 2005 (*file* relattiv – GT3/2005/10).

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Talbet ghalhekk li dan it-Tribunal (i) jiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli tal-hsarat ikkawzati u (ii) tikkundannaha thallas l-ammont kif mitlub, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu, 2006 bir-riferenza 1617/06 u l-imghaxijiet legali dekorribbli mit-30 ta' Gunju, 2005.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li ecceppiet illi:-

(i) It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici stante illi l-hsara kkagunata fl-infrastruttura tas-socjeta' attrici sehhet kagun ta' traskuragni tas-socjeta' attrici stess u dan billi installat il-*cables* fuq il-kaptelli tal-*water culvert* ftit centimetri 'l isfel mill-wicc tat-triq u dan kontra dak li titlob l-arti u s-sengha li tirrikjedi li tali *cables* ghandhom jigu installati minimament zewg piedi u nofs taht il-wicc tat-triq.

(ii) Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit ix-xoghol li wettqet is-socjeta' konvenuta wettqitu skond s-sengha u l-arti u minn persuni tas-sengha.

(iii) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Joseph Chircop li spjega li hu jokkupa l-kariga ta' *assistant manager* mas-socjeta' ADT u hemm sezzjoni li tiehu hsieb il-permessi li jinhargu ghal xogholijiet li ser jitwettqu fit-toroq.

Jikkonferma li f'dan il-kaz il-permess, li jgib in-numru 1670/04, kien inhareg fuq l-isem ta' Paul Polidano u kien ffirma l-istess rcevuta li nharget fuq ismu.

Ra x-xhieda tal-Ispettur Martin Sammut li esebixxa kopja tar-rapport.

Ra x-xhieda ta PS69 Jesmond Cremona li jispjega li hu ma kienx ha r-rapport, izda kien nizel fuq il-post peress li dak il-hin kien *patrol*.

Irrizultalu li kien hemm vettura rregistrata fuq is-socjeta konvenuta b'numru ta' registrazzjoni PBL 009. Imbaghad, din il-vettura kienet laqtet il-*cable*.

Jikkonferma li Samuel Zammit kien il-*foreman* li kien qed jiehu hsieb fuq il-post dak iz-zmien.

Ra x-xhieda ta' Victor Busuttil li jokkupa l-kariga ta' *technical executive* mas-socjeta' Go plc. fl-*overseers section*. Meta xi kuntrattur ikun ser jwettaq xi xogholijiet fit-toroq, dik l-entita' ghandha tinforma lis-socjeta' attrici. Bhala prassi jispjega li imbaghad jikkuntatjaw lill-kuntrattur sabiex jibghatu l-*overseer*, biex jaghmel l-*markings* minn fejn ikun ghaddej il-*cable*.

Ighid li kienu gew infurmati li s-socjeta' konvenuta kienet ser taghmel xi xogholijet f'Xatt San Gorg, San Giljan u dan kien ghall-habta ta' Marzu, 2005. Kien fil-fatt nizel hu fuq il-post sabiex jaghmel l-marki u dan ikkonferma permezz ta' ritratti li esebixxa (Dokumenti VB1 sa VB 5).

Kien xi tlett (3) ijiem wara, meta kien ikkuntatjah Joe Cilia, li kien jokkupa l-kariga ta' *technical executive* mas-socjeta' attrici u li kien qed jaghmel *site inspection,* u kien infurmah li Polidano Brothers Limited li kienu qed jahdmu fl-inhawi u kienu laqtu xi *cables* taghhom.

Jispjega li l-immarkjar isir sabiex il-*cable* jista' jigi ccentralizzat u mbaghad hija r-responsabbilita' tal-kuntrattur li jhalli *allowance* fuq iz-zewg nahat sabiex ikun hemm id-distanza mill-*cable*.

Jispjega ukoll illi bhala kundizzjoni hemm li malli jkunu qed ihaffru u jitla' l-konkos ghandhom jieqfu milli jkomplu jhaffru ghaliex b'hekk jintlaqat il-*cable*.

F'dan il-kaz, il-kuntrattur kien baqa' ghaddej, u injora l-*allowance* u qala' l-konkos b'kollox.

Ra x-xhieda ta’ Joe Cilia. *technical executive* mas-socjeta’ attrici, li kien jahdem fiz-zona ta’ tas-Sliema u ta’ San Giljan u waqt li kien ghaddej kien induna li kienu qed isiru xi xogholijiet fi Triq il-Bajja, San Giljan. Kien waqaf u hemm induna li kienu ntlaqtu l-pajpjiet maghrufin bhala *primary ducts* u dan ghaliex ikun hemm il-konkos fuqhom. Kien hemm xi pajpijiet ohra maqsumin, kif ukoll xi *cables* maqtughin u milqutin.

Jikkonferma li kien ghamel rapport ta’ dak kollu li kien ra u stabilixxa.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Mill-provi li gew prodotti jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kellha tahdem fuq xi installazzjoni ta’ *water culverts* fi Triq il-Bajja, San Gorg, San Giljan. Kienu saru l-applikazzjonijiet relattivi, fosthom dik mas-socjeta’ attrici.

Bhala prassi gie spjegat li l-kuntrattur ghandu jinforma lill-entita’ partikolari, li sar f’dan il-kaz mas-socjeta’ Go plc., u sussegwentement jinzel *overseer* fuq il-post qabel ma jkunu ser jibdew ix-xogholijiet.

Xehed Victor Busuttil li kien nizel fil-Bajja ta’ San Gorg u ghamel l-immarkjar, halla d-distanza mill-*cable* fuq iz-zewg nahat sabiex tigi evitata xi hsara.

Joe Cilia,  PS69 Jesmond Sammut, kif ukoll anke Victor Busuttil, kollha kkonfermaw li kienet giet ikkagunata hsara fil-*primary ducts* kif ukoll fil-*cables* li kienu gew milquta, waqt li rapprezentanti tas-socjeta’ Polidano Brothers Limited kienu qed jahdmu fuq il-post.

Dan il-fatt gie stabbilit u kkonfermat fir-rapport tal-Pulizija. PS Sammut ighid, li minkejja li ma kienx hejja r-rapport hu stess, kien nizel fuq il-post u kien ha xi dettalji u seta’ jikkonferma li l-hsara giet kkagunata minn JCB, li ggib in-numru ta’ registrazzjoni PBL 009, registrata fuq isem is-

socjeta’ Polidano Brothers Limited. Il-*foreman* tal-kuntrattur li kien prezenti fuq il-post, flimkien max-xufier tal-JCB, Giacomo Vella, u lkoll stqarrew illi accidentalment kienu laqtu xi *cables* tas-socjeta’ attrici.

Is-socjeta’ konvenuta naqset li tipproduci l-provi taghha minkejja li dan it-Tribunal taha diversi okkazzjonijiet sabiex dan isir u ghalhekk ma hemmx provi kontradittorji ghal dwak prodotti mis-socjeta’ attrici u lanqas ma gew ppruvati l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.

Fid-dawl ta’ dawn il-provi, t-Tribunal jaccetta il-verzjoni tas-socjeta’ attrici bhala wahda veritjera.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddisponi minn din il-kawza billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, jilqa’ t-talbiet attrici u jiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli tal-hsarat ikkawzati u jikkundannaha thallas l-ammont kif rikjest, bl-ispejjez u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------